

Brussell, 16 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14181/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0236(COD)

ESPACE 63	MI 822
RECH 483	ENER 372
COMPET 763	EMPL 527
IND 337	CSC 321
EU-GNSS 26	CSCGNSS 10
TRANS 533	CSDP/PSDC 649
AVIATION 149	CADREFIN 343
MAR 166	CODEC 1971
TELECOM 397	

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9898/18 + ADD 1-4
Suġġett:	<i>Tħejjija tal-laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju)) tad-29 u t-30 ta' Novembru 2018</i> Regolament li jstabbilixxi l-programm spazjali tal-Unjoni (l-Ewwel Qari) - <i>Skambju ta' fehmiet</i>

I. INTRODUZZJONI

It-teknoloġija, id-data u s-servizzi spazjali saru indispensabbli fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini Ewropej. L-ispazju jipprovdi sostenn għal bosta politiki u prijoritajiet strateġiċi fl-Unjoni. Dan jista' jaqdi rwol kruċjali biex jiġu indirizzati sfidi bħat-tibdil fil-klima, l-iżvilupp sostenibbli, il-kontroll fuq il-fruntieri, is-sorveljanza marittima u s-sigurtà taċ-ċittadini tal-Unjoni.

Il-fatt li qegħdin jitfaċċaw atturi ġodda u li qegħdin jiġu żviluppati teknoloġiji ġodda qegħdin jirrivoluzzjonaw il-mudelli spazjali industrijali tradizzjonali. Huwa ta' importanza kruċjali li l-Unjoni tibqa' attur internazzjonali ewlieni b'aċċess awtonomu għall-ispazju u b'indipendenza teknoloġika, li jhegġegħ l-iżvilupp xjentifiku u teknoloġiku, u jappoġġa l-kompetittività u l-kapaċitajiet ta' innovazzjoni tal-industrija spazjali tal-UE (b'mod partikolari l-SMEs, in-negozji l-ġodda u dawk innovattivi).

II. ABBOZZ TA' PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT LI JISTABILIXXI L-PROGRAMM SPAZJALI TAL-UNJONI

Il-proposta tal-Kummissjoni li tistabilixxi l-programm spazjali tal-Unjoni li qed tiġi nnegozjata bħalissa tagħmel parti mis-segwitu tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar strateġija spazjali għall-Ewropa (SSE). L-aħħar proposta ta' kompromess tal-Presidenza tidher fid-dok. 13987/18 ADD 1 li jirrifletti s-sitwazzjoni attwali. Matul in-negozjati, irriżulta li kien meħtieġ kontribut ta' livell politiku għoli rigward tliet kwistjonijiet prinċipali, li huma essenzjali biex tiġi implimentata politika spazjali Ewropea konkreta u effettiva, li huma l-governanza, l-aċċess awtonomu għall-ispazju u t-trawwim tal-intraprenditorija u opportunitajiet ġodda ta' negozju.

a) Governanza

Governanza tajba hija waħda mill-prinċipji ewlenin biex tiġi żgurata r-realizzazzjoni effettiva tal-Programm spazjali u tal-SSE. Għandhom jiġu definiti u identifikati b'mod ċar ir-rwoli u r-relazzjoni bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri, l-Aġenzija tal-Unjoni fi Praga u l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA), flimkien mal-partijiet ikkonċernati kollha rilevanti. Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-ESA jibqgħu wieħed mill-pedamenti tas-suċċess u l-ħsieb li jerġa' jitnieda l-hekk imsejjaħ "Kunsill Spazju" huwa sinjal qawwi għall-kooperazzjoni msaħħa bejn iż-żewġ atturi. Il-Kummissjoni tipproponi li jiġi konkluż ftehim qafas ta' sħubija finanzjarja mal-Aġenzija tal-Unjoni u l-ESA li għandu jirregola r-relazzjonijiet finanzjarji kollha bejn dawk it-tliet atturi u jiżgura l-konsistenza, b'hekk jissimplifika r-relazzjoni bejniethom u jagħmilha aktar effiċjenti.

b) Aċċess għall-ispazju

L-SSE tindika ż-żamma tal-"aċċess awtonomu għall-ispazju" bħala wieħed mill-għanijiet segwiti. L-Unjoni hija l-ewwel klijent istituzzjonali Ewropew tal-lanċjaturi Ewropej, u b'hekk hi attur strumentali fil-politika industrijali b'rabta mal-mudelli kummerċjali previsti. Fl-10-15-il sena li ġejjin, l-UE qed tippjana li tillanċja aktar minn 30 satellita għall-programmi Galileo u Copernicus tagħha, b'mod partikolari fil-klassi tal-lanċjaturi futuri mibnija fl-Ewropa bħal Ariane 6 u Vega C. Is-servizzi ta' llanċjar issa diġà jikkostitwixxu element kritiku għall-implimentazzjoni ta' Copernicus u Galileo. Għandhom jitqiesu b'attenzjoni miżuri biex jiġi kkonsolidat l-aċċess awtonomu għall-ispazju u l-perimetru tagħhom għandu jiġi definit b'mod ċar.

Fl-SSE, il-Kummissjoni tindika miżuri bħall-aggregazzjoni tad-domanda għas-servizzi ta' llanċjar, l-appoġġ għall-isforzi ta' riċerka u innovazzjoni, u ser tqis mezzi biex tappoġġa faċilitajiet infrastrutturali Ewropej ta' llanċjar meta jkun meħtieġ biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' politika jew il-bżonnijiet tal-UE.

c) Trawwim tal-intraprenditorija u opportunitajiet ġodda ta' negozju

L-attivitajiet spazjali huma dejjem iktar miftuħa għall-investiment privat fl-oqsma tal-komunikazzjonijiet bis-satellita, l-osservazzjoni tad-dinja u anki lanċjaturi. L-ispazju issa jagħmel parti minn katina ta' valur globali li qed tattira dejjem aktar kumpaniji ġodda u intraprendituri ġodda, (l-hekk imsejjaħ "Spazju Ġdid"), li qed iwessgħu l-fruntieri tradizzjonali fis-settur spazjali. L-użu ta' data, informazzjoni u servizzi spazjali, flimkien ma' sorsi oħra ta' informazzjoni, joffri bosta opportunitajiet biex jiġu żviluppati applikazzjonijiet u servizzi downstream. Dan jiftaħ opportunitajiet ġodda biex jiġu żviluppati prodotti, servizzi u proċessi innovattivi li minnhom tista' tibbenefika l-industrija fl-Istati Membri kollha, filwaqt li jinħolqu kapaċitajiet ġodda u jingħata valur miżjud ġewwa u barra s-settur spazjali. Huma meħtieġa miżuri abilitanti u tiżni tal-kapaċitajiet fl-Istati Membri kollha u fil-livell Ewropew biex tinholq l-ekosistema tajba u ambjent regolatorju u kummerċjali favorevoli.

III. MISTOQSJIET GĦAD-DIBATTITU TA' ORJENTAZZJONI

L-Istati Membri huma mistiedna jwettqu skambju ta' fehmiet dwar it-tliet mistoqsijiet li ġejjin bil-
ħsieb li jingħata kontribut politiku biex jitkomplew in-negozjati rigward il-proposta tal-
Kummissjoni għal Regolament li jistabbilixxi programm spazjali tal-Unjoni:

Mistoqsija 1: *Liema huma l-prinċipji ewlenin ta' governanza biex jintlaħqu l-
objettivi tal-programm spazjali tal-Unjoni?*

Mistoqsija 2: *Liema spinta u gwida politika jkunu meħtieġa biex jiġi żgurat aċċess
awtonomu tal-UE għall-ispazju kif ukoll indipendenza teknoloġika u
biex jinħatfu l-opportunitajiet li joffri "Spazju Ġdid" bil-ħsieb li
tinżamm u tissaħħaħ industrija spazjali Ewropea kompetittiva?*

Mistoqsija 3: *Kif tista' titrawwem ekosistema spazjali u mudell kummerċjali ġdid
li jqarreb l-ispazju lejn id-dinja u li jkun għas-servizz taċ-ċittadini
tal-UE? Kif tista' tittejjeb aktar, fil-livell nazzjonali u dak tal-UE, l-
adozzjoni fis-suq biex jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-SMEs u n-negozji
ġodda u tiżdied il-kompetittività tal-industrija tal-UE b'mod globali?*